SKEMA 'B'

# Xogħol b'koperazzjoni bejn il-ħaddiema f'dipartiment tal-Gvern (Skema B)

1. Direttur f'Dipartiment tal-Gvern għandu jinkoraġġixxi mhux anqas minn seba' (7) mill-ħaddiema tiegħu li qegħdin fuq skali ta' salarju 8 sa 20 sabiex jiġu reġistrati bħala membri f'Koperattiva, tip "B", mal-Bord tal-Koperattivi.



2. Kap ta' Dipartiment jista' jalloka xogħol tad-Dipartiment lil membri ta' Koperattiva proviżorja tip "B" mwaqqfa fi ħdanu. Barra minn dan, id-Direttur ta' Dipartiment tal-Gvern jista' jikkompeti għal *tender/s* f'isem il-Koperattiva tal-ħaddiema msemmija hawn fuq. Jekk jintrebaħ *tender* b'dan il-mod, allura d-Direttur tad-Dipartiment u l-Koperattiva msemmija jridu jiftehmu bejniethom dwar f'kemm żmien ser jitlesta l-kuntratt (sakemm ma jkollux iż-żmien stipulat diġà), u dwar x'perċentwali mid-dħul tal-kuntratt mirbuħ jinżamm mid-Dipartiment. Dan jista' jinkludi *commission,* il-kera ta' apparat u nġenji u/jew bejgħ ta' materjal li jista' jsir mid-Dipartiment lill-Koperattiva, skond il-ftehim milħuq bejniethom.



3. Id-Direttur tad-Dipartiment, bi qbil mal-ħaddiema, irid jiftaħ kont f'bank li jkun f'isem il-Koperattiva. Dan il-kont irid ikollu ta' l-anqas żewġ firmatarji: id-Direttur tad-Dipartiment u membru nominat mill-Koperattiva.

4. Il-ħaddiema jibqgħu jdaħħlu l-istess paga u l-benefiċċji kollha li jieħdu bħala mpjegati tal-Gvern. Id-differenza bejn id-dħul tal-ħaddiema matul il-perjodu li jrid jinħadem il-kuntratt u l-paga tagħhom fl-istess perjodu titpoġġa f'kont il-bank li jkun f'isem il-Koperattiva. Id-Dipartiment irid jiddepożita f'dan il-kont din id-differenza ta' flus hekk kif isir l-ewwel ħlas tal-kuntratt u ħlasijiet sussegwenti konnessi mal-kuntratt.



5. Fl-aħħar ta' kull sena jew f'każ ta' xoljiment, jew f'kaz ta' temm ta' kuntratt, il-Koperattiva tlaqqa' laqgħa ġenerali li għaliha jkun mistieden il-Bord tal-Koperattivi. F'din il-laqgħa jiġi wkoll deċiż kif jitqassmu l-flejjes tal-kont fil-bank, skond kriterji Koperattivi, jiġifieri:

   - 5% lill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi
   - minimu ta' 20% riżervi, fejn applikabbli
   - il-perċentwali tal-*commission*
   - u massimu ta' 75% tqassim lill-imsieħba skond kif miftiehem, bħala *patronage refund.*

6. Ħaddiema interessati biex iwaqqfu jew jissieħbu f'Koperattiva tip "B" iridu japplikaw, flimkien mad-direttur tad-Dipartiment, għal awtorizzazzjoni mingħand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tagħhom, li jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu wara li jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa. Din l-awtorizzazzjoni ma tinżammx ħlief għal raġuni valida.